MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 462/2013

Appell Nru: 462/2014

Il-Pulizija

Spettur Priscilla Caruana

vs

Leonard Incorvaja

Illum, 13 ta' Novembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-imsemmi Leonard Incorvaja, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 966744M talli:

Fit-18 ta' Mejju, 2008 ghall-habta ta' 08.30hrs gewwa Wied il-Qoton, Birzebbugia:

1. Volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

2. Minghajr hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lill Emanuel Camilleri fil-pussess ta' hwejgu.
3. Talli hatt hajt tas-sejjieh jew xi struttura ohra ta' dan it-tip minghajr permess minn Awtorita' kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-28 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti, fil-fehma taghha, irrizultat it-tielet imputazzjoni u mhux l-ewwel u t-tieni u wara li rat il-ligi sussidjaraja 504.13, regolament 6 u 9 u kkundannatu ghal multa ta' €117.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Leonard Incorvaja, presentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Gunju, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermha in kwantu ddikjarat lil-esponent mhux hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u lliberatu minnhom; u
2. Tirrevokha in kwantu sabithu hati tal-ahhar imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati wkoll anki ta' din l-imputazzjoni – u b'hekk l-esponent jigi dikjarat hieles minn kwalunkwe imputazzjoni u piena.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant Leonard Incorvja.

Rat l-aggravji tal-appellant illi huma s-segwenti:

A. Hemm konflitt serju ta' provi dwar meta effettivament gara' l-incident in kwitjoni. Filwaqt li l-att ta' akkuza jirreferi ghall-incident li gara fit-18 ta' Mejju, 2008 fit-08.30a.m., l-parti civili Emanuel Camilleri li jahdem l-ghalqa biswit dik tal-esponent jghid li l-incident ma garax fit-18 ta' mejju, 2008. Fis-seduta tal-4 ta' Marzu, 2010 Emanuel Camilleri jispjega:

> "Filghaxija mort niehu ritratt u nzertajt is-Sur Incorvaja ihott parti ohra mill-hajt. Waqt kontro-ezami tax-xhud minn Dr. H. Antoncic, l-istess xhud qal illi "Jiena fil-ghodu tal-18 ta' Mejju, 2008 ma kontx l-ghalqa.

Jiena ma ttendejtx jekk waqt li mort niehu r-ritratt kienx hemm il-vann tas-Sur Incorvaja fl-ghalqa tieghu. Av. Henry Antoncic: Jekk nghidlek illi dakinhar tat-18 ta' Mejju, 2008 is-Sur Incorvaja dahal fl-ghalqa tieghu bil-van minghajr xkiel imbghad meta gie biex jhorgo ma setax ghax xi had ressaq il-hajt u dejjaq il-passagg, inti xi tghid? Ix-xhud wiegeb illi: Dan il-kaz kienet data ohra, ma ghandiex x'taqsam mad-data tat-18 ta' Mejju, 2008"

Jigifieri filwaqt li l-akkuza tirreferi ghall-incident li gara' filghodu, l-parte civile Emanuel Camilleri jghid li l-incident gara' filghaxija ghax dakinhar fil-ghodu huwa ma kienx fl-ghalqa. Dan ifisser illi l-imputazzjoni ma gietx pruvata kif dedotta.

U la darba l-ewwel Qorti ma sabitx lill-parti civili Emanuel Camilleri hati tal-istess imputazzjonijiet dedotti kontrih fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Emanuel Camilleri", li mxiet u giet deciza kontestwalment ma dan il-kaz, propjament fuq konflitt ta' provi kif esklamat il-Qorti hija u tati s-sentenza taghha, l-istess kellha taghmel fil-kaz odjern deciz ukoll fuq l-istess atti.

B. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi mressqa ghax b'dawk il-provi li tressqu ma kellhiex tirrizulta htija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, l-istess bhal ma sabitx htija fl-ewwel zewg imputazzjonijiet. Dak inhar tal-incident in kwisjoni l-esponent tela bil-van fl-ghalqa tieghu f'wied il-Qoton, limiti ta' Birzebbugia, u ghadda bla xkiel. Gabba l-hatab ghax kellu xi ordnijiet ghal-klijenti tieghu fuq il-Monti ta' Marsaxlokk u meta ghe biex johrog bil-van sab li ma setghax jghaddi ghax xi had kien ziedlu xi gebel fil-hajt u dejjaqlu l-passagg. Silvio Camilleri, iben il-parti civili Emanuel Camilleri, kien lest ghalih bil-camera tar-rritratti u appena rah inehhi l-gebel mill-hajt biex ikun jista' jghaddi huwa kien pront hadlu xi ritratti. L-esponent kellu necessarjament jnehhi dawk il-gebel biex ikun jista' jghaddi huwa kien pront hadlu xi ritratti. L-esponent kellu necessarjament jnehhi dawk il-gebel biex ikun jista' jghaddi u jikkonsenja l-hatab li kien ghabba. X'suppost ghamel

> ghalhekk l-esponent? Skond ir-ragunar tal-Qorti kellu jhalli l-vann hemm bix-xoghol lest biex jigi kkonsenjat lill-klijenti tieghu u jmur jitlob permess minghand l-Awtorita' Kompetenti? Dan kien rimejdu tal-esponent? Certament li le. Anki l-ligi tar-ragion fattasi taghti d-dritta ta' 'vim vi repellere' biex tigi respinta azzjoni ingusta, appena kommess tal-parti civili li evidentement dejjaq jew qabbad lil min idejjaq il-passagg billi zied xi gebel fil-hajt tal-entratura, haga li anki l-istess l-Ewwel Qorti irrikonoxxiet. U la darba l-Ewwel Qorti dehrilha li l-esponent ma kienx hati ta' 'ragion fattasi' tant li lliberatu mit-tieni imputazzjoni hija kella ukoll tilliberah mit-tielet akkuza ghax f'dan il-kaz l-azzjoni tal-esponent saret 'confestim' jew 'incontinenti' u mhux 'ex intervallo' u ghalhekk permessibli mill-ligi.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tmintax (18) ta' Mejju tal-elfejn u tmienja (2008) l-appellant mar fl-ghalqa tieghu f'Wied il-Qoton, limiti Birzebbuga bil-vann Toyota u baqa' tiela' sar-razzett tieghu. Meta gie biex johrog sab illi ma setax jghaddi ghax xi persuni kienu dejjqu l-passaggi billi zdiedu xi gebel fil-hajt tal-entrata ghall-ghalqa. Ghalhekk beda jnehhi parti minn dan il-hajt sabiex ikun jista' johrog bil-vann. Gie osservat mill-parti civili, Emanuel Camilleri u ibnu Silvio Camilleri illi hadulu xi ritratti u konsegwenza ta' dan ghamlu rapport lill-pulizija illi ipprocedew kontra l-appellant u akkuzawh bi ksur tal-buon ordni, illi fixkel lil Emanuel Camilleri fil-pussess ta' hwejjgu u hatt hajt minghajr permess tal-awtoritajiet.

B'sentenza tat-tlettax (13) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) (150), il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel zewg akkuzi izda sabitu hati tat-tielet u ikkundannatu ghall-multa ta' mija u sbatax-il ewro (€ 117).

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell ghax deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi meta sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Sabiex il-Qorti tigi mghejjuna fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-kawza innominat lit-tekniku AIC Mario Cassar biex jiehu x-xhieda u jirrelata dwar il-kaz. It-tekniku Mario Cassar ipprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tal-elfejn u tnax (2012) fejn irrizultalu illi r-ritratti ipprezentati mill-parti civili Emanuel Camilleri ma ittehdux dakinhar illi fih allegatament sehh l-incident,

izda ir-ritratti mehuda minn Silvio Camilleri, esebiti SC1 sa SC7 ittiehdu dakinhar tal-incident u ghalhekk irrizultalu illi l-appellant Leonard Incorvaja kien caqlaq parti mill-hajt fit-tmintax (18) ta′ Mejju tal-elfejn u tmienja (2008) ghal habta tat-tmienja u nofs ta′ filghodu (8.30 a.m.) gewwa Wied il-Qoton, Birzebbuga.

Irrizulta ukoll illi l-hajt inkwistjoni kien proprjetà tal-gvern u ma kienx hemm permess sabiex dan il-hajt jiccaqlaq. Kien ghalhekk illi l-ewwel Qorti dehrilha illi kellha tillibera lill-appellant mill-akkuzi ta′ ksur tal-buon ordni u ta′ ragion fattasi izda sabitu hati talli hatt il-hajt minghajr permess. Ma setax jonqos illi l-ewwel Qorti irrimarkat illi dan l-incident sehh pika u inkejja illi jidher istituzzjonalizzat bejn l-appellant u l-parti civili Manuel Camilleri.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata..

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------